**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru:308/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Giardina**

**Illum,11 ta' Lulju,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Joseph Giardina** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **94002L**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar il-25 ta' Frar 2022 ghall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15 :30hrs) kif ukoll fil-ħinijiet, ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-Mellieha:

i. Ġiegħel annimali isofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm jew qabel li jinżamm annimali mingħajr ma kien  responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimal li int kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jiehu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali li jinkludu fost oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

iv. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ippermetta kelb jiġġerra b'mod liberu fit-toroq pubbliċi u dan bi ksur tas-subregolament 1 tar-regolament 5 tal-leġislazzjoni sussidjarjar 439.21.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tipprojbixxi lill-imputat milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista 'jkun stabbilit mill-Qorti u dan skont l-Artikolu 45 subartikolu 1(b) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta'  Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija , barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, ordnat lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta 'annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta ' kull permess maħruġ għal-operat ta 'kull attivita 'regolata taħt l-Att.439 tal-Liġijiet ta ' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidrilha xieraq bħala riżultat ta 'dak ir-reat jew reati, u dan skont l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta ' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta 'nhar it-28 ta 'Frar,2024,fejn filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni sabet lill Joseph Giardina ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba ' imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta 'tliet elef u hames mitt Euro (€3,500). B'żieda

mal-piena u għall-fini tal-ewwel proviso tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-ħati ġie wkoll ipprojbit milli jzomm annimali għal żmien sena u għal dan il-fini ordnat li kopja ta 'din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Giardina, preżentat fir-reġistru ta 'din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta 'Marzu,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux ħati;
- Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-Liġi;
- Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

i. **<u>L-Ewwel Aggravju – Decide kunflingenti tal-Ewwel Onorabbli Qorti</u>**

Illi, l-appellant umilment qed tinterponi dan l-Appell, *in primis* għall-fatt li d-decide tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija pjuttost kunflinġenti;

Illi nhar it-28 ta' Frar 2024, l-avukati difensuri tal-appellant ingħataw kopja tas-sentenza liema sentenza inqrat bir-reqqa sabiex eventwalment qiegħed jiġi mressaq dan l-umli aggravju;

Illi l-appellant instab ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet biss pero' l-istess Onorabbli Qorti fid-decide tagħha astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni

imputazzjoni taħt l-Artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, imputazzjoni li effetivament skont id-*decide* stess instabet ħtija fuqha;

Illi in vista ta' din il-kunflinġenza fid-decide tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant iħoss li ma kellu qatt ikun hemm ħtija abbażi tat-tieni u tielet imputazzjoni liema imputazzjonijiet ma jerġux u ma jirriżultawx speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-istess Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u ma pronunzjatx ruħha fuq it-tielet imputazzjoni b'mod ċar;

## ii. <u>It-Tieni Aggravju – Apprezzament Żballjat tal-Provi u Riżultanzi</u>

Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni *ossia* li l-appellant volontarjament ikkaġuna moħqrija jew tbatija lill-kelba tiegħu fil-25 ta' Frar 2022 jew fil-ġranet ta' qabel u dan bi ksur tal-Art, 8(2) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant jixtieq l-ewwel u qabel kollox jagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-29 ta' Mejju 2013 mogħtija fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Galea'</u>** fejn intqal is-segwenti:

> *"L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet tagħhom u bażikament huma maqsuma f'ħames taqsimiet:*
> *1. Li jiġu meħlusa mill-ġuħ, il-għatx billi jkun hemm aċċess għall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-saħħa ta' l-annimal.*
> *2. Li ma jkunux soġġetti għal diżaġi u skonfort billi jiġi provdut ambjent siewi nkluż lquħ mill-elementi u post fejn jistgħu jistrieħu.*
> *3. Li ma jkunux soġġetti għall-uġigħ, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn meħtieġ.*

*4. Li jkunu jistgħu jgħixu l-ħajja normali tagħhom billi jiġi provdut spazju, faċilitajiet adekwati u jkunu esposti għal annimali oħra ta' l-ispeċi tagħhom.*

*5. Li jkunu ħielsa mill-biża' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*

*Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juża u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif jogħġbu iżda għandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jiġu mħarsa. Din ir-responsabilta ġiet mitfuħa fuq spallejn il-bniedem mill-bidu nett tal-ħolqien meta fil-Bibja naqraw li l-Missier Etern inkariga lil bniedem biex jagħti isem għal kull speċi ta' ħalieq minn tiegħu biex b'hekk ħoloq dak ir-rapport bejn il-bniedem u l-annimal fejn dak ta' l-ewwel bħala l-ħolqien suprem ġie mogħti responsabilta table nessere tal-ħlejjaq kollha li miegħu jsebbħu din id-dinja u li minnha lkoll niddependu għall-għejxien u eżistenza tagħna. Il-ħajja hi sabiħa u sagrosanta għal kullhadd mhux biss għal bniedem. Veru, l-ewwel il-bniedem imma wara jiġu l-annimali u din l-iskala ma ssarrafx f'dominazzjoni assoluta bid-dritt assolut fuq il-ħajja ta' l-annimal ..."*

Illi fid-dawl tas-suespost, jidher biċ-ċar li l-elementi tar-reat in dizamina huma :-

1. L-att li bih annimal ġie mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn – actus reus;

2. L-intenzjoni f' moħħ min ikkommetta r-reat u saħansitra x-xewqa illi jagħmel tali atti sabiex volontarjament iġiegħel annimal jsofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bzonn mens rea;

Illi fil-każ odjern l-appellant umilment jirrileva li l-Prosekuzzjoni ma rnexiliex tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li jikkonkorru dawn iż-żewg elementi.

In kwantu jirrigwarda l-element formali ta' dan ir-reat l-appellant jikkontendi li minn imkien mill-provi ma jirriżulta li l-imputat ried jikkaġuna tbatija jew moħqrija lill-kelba Emma anzi addirittura anke mid-depożizzjoni tiegħu stess nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023[1] jidher biċ-ċar li l-appellant, minkejja impenji oħrajn u xoghol li joħodlu l-maġġor parti mill-hin tal-ġurnata, kien iqatta' ħin adekwu mal-kelba, iżura u anke joħroġha għall-mixjiet;

Illi in kwantu jirrigwarda l-*actus reus* l-appellant wkoll huwa tal-umli fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li effettivament kienet ġiet kaġunata tbatija lill-kelba. Ma nġabet l-ebda prova li l-kostatazzjonijiet magħmula mill-veterinarja Dr. Andrea Grima nhar il-21 ta' Novembru 2022 kienu minħabba xi att doluż jew intenzjonat *da parte* tal-appellant anzi ġie ampjament muri li l-eta' tal-kelba kienet fattur kruċjali l'għaliex kienet qed tbgħati minn ċertu mard kroniku. Fil-fehma tal-appellant għandu għalhekk jitqies li l-appellant stess bix-xhieda tiegħu u tal-ex mara tiegħu Rachel Vella[2] irnexxielu jipprova sal-grad ta' probabbli li l-aġir tiegħu qatt ma kien tali li jikkawża xi moħqrija jew tbatija lill-kelba tiegħu.

Illi l-appellant umilment ma jaqbilx mal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn iddikjarat li l-kelba kienet tqatta ġurnata sħiha waħedha mingħajr ebda attenzjoni u mingħajr ebda kumpanija u dan stante li kemm is-sieħba tal-appellant, ossia Michela Muscioni[3] kif ukoll l-eks mara tal-appellant ossia Rachel Vella ikkonfermaw li l-appellant kien imur drabi filgħodu u dejjem wara x-xoghol sabiex iżur u jqatta' il-ħin mal-kelba Emma.

Illi bir-raġunar tal-Ewwel Onorabbli Qorti, bid-dovut rispett, l-ebda individwu li jaħdem siegħat twal ma jista' jkollu kelb u dan stante li ħafna mill-ħin l-istess kelb ser ikun qiegħed waħdu mingħajr ebda attenzjoni;

---

[1] Folio 72 et seq
[2] Folio 100 et seq
[3] Folio 85 et seq

Illi l-leġizlattur fl-ebda punt ma xtaq li jestremizza l-possibilta' li wieħed jkollhu kelb u għaldaqstant l-appellant jemmen li huwa kien iqatta' ħin adekwu mal-kelba u kien dejjem imur iżura, joħroġha, inaddfilha, jitmaħħa u jagħmel dak kollhu neċessarju wara x-xogħol tiegħu;

Illi l-appellant umilment wkoll ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li garaxx, *multo magis* garaxx li ma jifformax parti minn residenza abitata, ma jikkostitwixxix akkomodazzjoni xierqa u mhux post idoneju biex fih jinżamm kelb;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha l-ebda ritratti jew prova jew rapport ta' xi uffiċjal li spezzjona dan il-garaxx sabiex jiċċertifika jekk kienx post idoneju jew le;

Illi kif spjega l-appellant stess l-garaxx kien arjuż, imdawwal u imdaqqas sewwa tant li l-kelba kienet għamlet f'qalba meta giet mehuda fl-appartament tal-eks mara tieghu fl-2019;

Illi oltre minn hekk l-appellant stess jispjega kif sforz l-eta' avvanzata tal-kelba huwa ma irrikorix għall-operazzjonijiet li jinkludu l-użu ta' loppju u dan minhabba r-riskji serji li kien hemm warajhom;

Illi l-appellant jistqarr ukoll fid-depożizzjoni tiegħu li huwa qatt ma ra xi turija ta' uġiegħ da parte tal-kelba u għaldaqstant qatt ma kien hemm xi alarm. Punt ta' fatt, malli l-kelba ġiet meħuda u sarula l-interventi allegatament minn Dr. Ivan Galea (li qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri), wara ftit xhur hija kellha tiġi mraqqda;

Illi jiġġ rilevat u isir ampju referenza għax-xhieda tal-veterinarja Dr. Andrea Grima fejn hija stess tistqarr fil-kapaċita' tagħha ta' veterinarja li anke ikkostatat dak li rat fuq il-Kelba li l-kundizzjoni ta' saħħa tagħha kienet "minħabba żmien li kellha"[4];

[4] Folio 53

Illi xi ħaġa li wieħed għandu wkoll jinnota hija li Dr. Andrea Grima kienet l-ewwel Veterinarja li invistat lill-kelba u kienet anke irrapurtat li l-kliewi u fwied sarulhom it-testijiet li ħarġu tajbin. Ħaġa tal-iskantament li wara li l-kelba għaddiet f'idejn l-Animal Sanctuary kif xehdet ukoll Claire Gatt[5] għall-ħabta ta' Awwissu l-kelba reġgħet bdiet sejra lura anke jekk sarula l-operazzjonijiet tant li tfaċċat problema bil-kliewi, xi haġa li qabel sarula l-interventi ma kinitx irriżultat kif xehdet Dr Andrea Grima;

Illi l-appellant jirrileva wkoll li l-aħħar vista tal-vet li huwa kien għamel, ġie infurmat li jekk il-lump ta' għonqha ma tikbirx ma kienx hemm ħtieġa li din titnehha. Ġara li meta ġiet imneħħija mill-vet li qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri, ossia Dr. Ivan Galea, dina l-lump reġgħet ħarġet xahrejn biss wara li l-operazzjoni tat-tneħħija saret[6];

Illi l-appellant fid-depożizzjoni tiegħu jgħid ukoll li sabiex jevita l-iskariġġ u uġiegħ li joqgħod jgħabbi lill-kelba fil-karozza u jeħodha għand vet huwa prova jsib vet li jaqdih u jaċċedi fuq il-fond ġewwa l-Manikata stess, fatt li juri biċ-ċar li l-appellant kellhu interess attiv u attwali fl-istess kelba;

Illi għandu jingħad ukoll li mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-uniku Veterinarju li tressqet bħala xhud, jidher biċ-ċar li kollox kien jiċċentralizza madwar żewġ fatturi; is-*sandfly* u l-eta'. L-appellant jirrileva wkoll fix-xhieda tiegħu li huwa kien qed jagħtiha "*tick and flee medication*"[7] tant li "*there was no reason to suggest that she was suffering from sandfly*";

**iii. <u>It-Tielet Aggravju- Nuqqas tal-aqwa prova</u>**

Illi l-appellant jibda b'referenza għall-fatt li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib l-aqwa prova sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati fil-konfront tal-imputati

[5] Folio 64
[6] Folio 64
[7] Folio 76

huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu *Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890*:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*

Di piu' l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili applikabbli għall-qrati tal-ġustizzja kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

> *"Il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Illi fid-dawl ta' dan, jidher biċ-ċar li l-atti proċesswali huma sajma mill-aqwa prova li setgħet tinġieb;

Illi minn qari tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-appellant jidher biċ-ċar li dak li l-provi li kellhom jinġagħbu sabiex l-imputazzjonijiet, b'mod speċjali l-ewwel, it-tielet u raba' imputazzjonijiet, kellhom proprju jiċċentralizzaw u jirrivolvu madwar l-qagħda fiżika u ta' saħħa tal-kelba, l-ambjent li fih kienet tinsab il-kelba, prova ta' provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u prova ta' provvista ta'dieta sana;

Illi kjarament, minn qari tal-atti proċesswali wieħed ma jistax jistrieħ fuq il-provi prodotti sabiex l-elementi li jikkostitwixxu r-reati li bihom l-appellant kien mixli jiġu pruvati sal-grad rikjest mill-liġi;

Illi in sostenn ta' dan, l-appellant jagħmel referenza għall -fatt li l-ebda wieħed mill-uffiċjal li tressqu bhala xhieda u wisq anqas l-ebda xhud ma aċċeda fuq il-post fejn il-kelba Emma kienet qegħda tiġi miżmuma, ossia l-garaxx ġewwa l-Manikata;

Illi l-appellant stess xehed kif Emma kienet miżmuma tajjeb ħafna ġewwa garaxx imdaqqas sewwa, b'żewg twieqi kbar li jħallu dawl naturali jgħaddi kif ukoll il-garaxx innifsu kien arjuz stante li l-bieb tal-garaxx kien jippermetti li tgħaddi ż-żiffa;

Illi dan kollhu ġie anke korraborat mill-eks mara tal-appellant ossia Rachel Vella fejn ikkonfermat li meta Emma marret tgħix temporanjament magħha lura fis-sena 2019 għal 4 xhur, Emma għamlet f'qalba u ma kinitx f'sikkita tgħix ġewwa appartament tant li kellha tiġi ritornata lura l-Manikata, fejn verament kienet komda u fl-ambjent l-aktar idoneu għaliha;

Illi in vista tas-suespost, m'hemm l-ebda mod kif raġjonevolment tista' tintlaħaq xi forma ta' konklużjoni li l-garaxx fejn kienet tiġi miżmuma l-kelba kien xi garaxx mitluq u mhux abitazzjoni adegwata u dan tenut kont li ma saret l-ebda spezzjoni fuq dana l-istess garaxx;

Illi oltre minn hekk il-prosekuzzjoni irrinunzjat għal xhud indispensabbli ossia l-aħħar veterinarju li ra lill-kelba u l-veterinarju li opera lill-kelba u ha deċiżjonijiet li potenzjalment setgħu wasslu għall-ħtieġa li l-kelba kellha titraqqad;

Illi l-appellant jirrileva wkoll li x-xhud in raprezentanza tal-Animal Sanctuary ossia Claire Gatt issemmi xi ritratti ta' kif il-kelba irkuprat u ġiet tidher fi stat ta' saħħa aħjar biss pero' tali ritratti qatt ma ġew eżebiti fl-atti proċesswali u m'hemm l-ebda prova in atti tramite xi ritratt jew rapport *da parte* ta' xi 'vet' li juri l-qagħda ta' saħħa li l-kelba kienet tinsab fiha fil-ftit xhur qabel kellha tiġi mraqqda mingħajr konsultazzjoni mas-sid ossia l-appellant;

Dan qiegħed jingħad għaliex id-dubbji u l-inċertezzi kollha sottolinejati ma fihom ebda valur probatorju fil-kamp penali u jekk xejn għandhom jiġu nterpretati minn dina l-Onorabbli Qorti favur il-posizzjoni ta' Joseph Giardina u mhux kontrih u dana in linea mal-prinċipju ben assodat u mħaddan *'in dubio pro reo'.*

**iv. Ir-Raba' Aggravju- L-eta korretta tal-kelba in kwistjoni**

Illi magħdud mal-aggravju preċedenti, l-appellant jagħmel ampju referenza għall-fatt li l-Prosekuzzjoni skorretament pruvaw iressqu l-istampa li l-kelba ma kellix xi eta avvanzata iżejjed biss pero' x-xhud in difesa ossia Rachel Vella preżentat dokument immarkat bħala Dok RV1[8] fejn juri li Emma twieldet fis-sena 2000;

Illi dan ifisser li l-kelba Emma nhar l-25 ta' Frar 2023 kellha tlieta u ghoxrin (23) sena li f'ħajja ta' bniedem fuq kelb kbir bħal ma kienet Emma, tfisser li kellha l-fuq minn mitt sena (100) kieku kienet bniedem;

Illi kellhu jkun l-appellant fid-difiża tiegħu li kellhu jressaq prova sabiex juri l-veru eta' tal-kelba u jissostanzja l-argument tiegħu li l-kelba kellha ċertu mard u kellha ċertu nuqqas ta' *weight* propju minħabba l-fatt li kienet anzjana immens;

**v. Il-Hames Aggravju – Ir-raba' Imputazzjoni**

Illi l-appellant umilment jirrileva li r-raba' imputazzjoni ma tistax tissustixxi stante li ma nġabitx prova li l-kelba kienet ilha barra tiġġerra b'mod liberu għal xi perjodu twil;

Illi inoltre, l-appellant stess xehed kif mal-mument li mar biex jiftaħ il-bieb tal-garaxx, li huwa bieb kbir u wiesa kważi karozza u nofs, il-kelba tat is-salt u ġriet għal barra, *area* li hija *dead end* u mimlija għelieqi;

Illi l-appellant bl-ebda mod jew intenzjoni ma ippermetta il-kelb jiġġerra barra b'mod liberu fit-toroq pubbliċi stante li fl-ewwel lok il-kelba, li hija kelba kbira mhux zgħira, ħarbet mill-post u ma kellhux kontroll fuqha u fit-tieni lok lanqas ma ġie pruvat li l-post fejn effetivament instabet huwiex trejqa pubblika jew le;

Illi l-appellant umilment jikkontendi li jekk kull darba li kelba taħrab lil xi hadd minn ġor-residenza fejn tkun qed tinżamm l-istess individwu jigi mixli bil-ksur tas-subregolament 1 tar-regolament 5 tal-L.S 439.21, dina d-dispożizzjoni tal-liġi tkun qed tingħata applikazzjoni wiesa iżejjed u perikoluża;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024;

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra titratta l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fis-sens li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti hija nulla għaliex hemm diskrepanza u nuqqas ta' kjarezza fil-parti dispożittiva tas-sentenza billi fid-*decide* l-Ewwel Qorti l-ewwel tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta 'Malta iżda imbagħad għaddiet fl-istess sabiex issib lill-imputat *qua* appellant ħati tal-istess tieni imputazzjoni.

Illi din il-Qorti setgħet tinnotta illi l-imputat *qua* appellant ġie akkużat bi ksur tal-Artikolu 8(2), (3) u (4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tar-Regolament 5(1) tal-leġislazzjoni sussidjarjara 439.21. Id-*decide* tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li qed tiġi riprodotta testwalment il-parti dispożitiva taqra:

> *Għal dawn il-motivi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, wara li rat l-artikoli 8(2)(4) u 45(1)(a) tal-istess Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta Malta, u r-regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb (Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21), issib lil JOSEPH GIARDINA ħati tal-ewwel,*

*it-tieni u r-raba imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500).*

*B'żieda mal-piena u għall-fini tal-ewwel proviso tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta Malta, il-ħati qed jiġi wkoll ipprojibit milli jżomm annimali għal żmien sena u għal dan il-fini tordna li kopja ta din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.*

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta 'Malta hu artikolu importanti ħafna peress li jinkopora fih ir-rekwiżiti neċessarji li għandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan jaqra s-segwenti:

***Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta dan il-Kodiċi jew ta kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. (Emfazi miżjuda)***

In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li għandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jgħid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 għandu jkun preżenti f'dan l-artikolu ukoll. Għalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi *sine qua non* għall-validita ta 'sentenza. Dawn ir-rekwiżiti huma alternattivi għal xulxin u għalhekk u sabiex sentenza tiġi dikajrata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwiżit iżda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wieħed minn dawn ir-rekwiżiti dan ikun biżżejjed sabiex issentenza tiġi ddikajrata nulla.

Sentenza li tikkjarifika dak li l-leġislatur ried ifisser bil-kelma 'fatti' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton Abela**[9]**:**

*'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi għalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiġġustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)

*elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbagħad għaddiet biex telenka l-artikoli tal- liġi relattivi għal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu ħati wara li qalet li kienet semgħet ix-xhieda kollha u eżaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'moħħa l-ewwel Qorti huwa ċar, cioe` li kienet qed issib il-ħtija għall- imputazzjonijiet kollha peress li ma għamlet l-ebda kwalifika, u wieħed m'għandux għalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant ħati. Ċertament kien ikun deżiderabbli li kieku l-ewwel Qorti żiedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "ħati".'*

Din l-iskrupolozita fl-osservanza ta 'dawn ir-rekwiżiti mhix sempliċi formaliżmu iżda hija bbażata fuq il-ħtieġa li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara u ma toħloq l-ebda inċertezza f'moħħ l-imputat għal dak li jirrigwarda ddikjarazzjoni ta 'ħtija fil-konfront tiegħu.

Huwa osservabbli li l-parti operattiva tas-sentenza tal-Ewwel Qorti hija kolpita bi żball li jammonta għal nuqqas ta 'formalita 'sostanzjali u ċertament nuqqas ta' kjarezza. Huwa minnu li il-motivazzjonjiet tas-sentenza u d-dispositTiv tas-sentenza jridu jinqraw flimkien u jridu jagħmlu sens billi l-motivazzjonijiet jiġu riflessi fid-disposittiv tas-sentenza. Skont l-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi**[10]**,** fil-każ li fċ'erti:

*"kontinġenzi d-disposittiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima in poenalibus benignius interpretandum est".*

[10] ***Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi*** deciza nhar is-27 t'Ottubru 1962

F'dan il-każ pero, din il-Qorti jidhrilha l-inkoerenza bejn dak illi l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjezzjoni tiegħu u dak illi effettivament qiset meta waslet sabiex issib il-ħtija, minkejja li setgħa kien każ ta '*lapsus calami* jew *computeri* da parti tal-Qorti tal-Maġistrati, tali żball iġib miegħu konsegwenzi.

Illi skont ġurisprudenza kostanti ta 'din il-Qorti in-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-artikolu 382 jwassal għan-nullita 'tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan nuqqas jammonta għal nuqqas ta 'formalita 'sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali. F 'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f 'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Mario Agius**[11]", "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[12]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[13]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[14]"; "I**l-Pulizija vs. Donald Cilia**[15]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[16]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[17] "u oħrajn).

Illi pero 'dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti iżda n-nullita 'hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa 'bla mittiefsa w għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa *in status quo ante* u ċioe mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata.

Stante li l-aggravju tan-nullita 'qed jiġi milqugħ, din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddiskuti l-aggravji l-oħra solevati.

---

11 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Frar 1995
12 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
13 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settmbru 2002.
14 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
15 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta' April 2002.
16 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005.
17 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar 2006.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u Tordna li l-atti jiġu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti bħala waħda ta ġudikatura kriminali sabiex l-partijiet ma jiġux pprivati mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", tordna li l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata w dan sabiex il-kawża tiġi trattata w deċiża mill-ġdid skond il-liġi.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**